# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 21

8 ta' Ġunju 2020

Il-wieħed u għoxrin (21) seduta tat-tminn leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2020 fil-5pm. Il-laqgħa saret 'remotely' minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti u n-neċessità ta' social distancing.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Kevin Borg Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

21.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

21.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

21.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JP favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JP, DSH, GD, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

21.2.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-materja nru 20.5.2 dwar il-possibiltà tal-gaġeġ tal-ħamiem fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jew il-madwar. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur li nformaha li jkun aħjar jekk l-ewwel jitlesta x-xogħol fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li kienet bagħtet ukoll email lill-Awtorità tad-Djar iżda kienet għadha qed tistenna risposta.

### 21.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

21.3.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi nformat lill-Kunsill bid-diżgwid li kien hemm rigward il-performane bonus tal-eks SE u nformat bir-risposta li l-eks SE kienet bagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

21.3.1.1. Hija qalet li fost l-allegazzjonijiet li għamlet is-SE kien hemm li wara li kienet ikkuntattjat lill-kunsilliera kollha, huma nformawha li ma kienux qed ikunu nformati bl-appraisal tagħha. Is-Sindku qalet li din il-materja kienet tressqet l-ewwel darba għall-approvazzjoni fi Frar u sussegwentement fil-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill reġa' kkonferma l-persentaġġ maqbul. Il-Kunsillier VB qal li hu qatt ma kien ġie kkuntattjat dwar dan u għalhekk din l-allegazzjoni żgur li ma kienitx veritiera. Il-Viċi Sindku GD qalet li l-aħħar li kienet ikkuntattjatha mill-eks SE kien rigward affarijiet oħra u mhux rigward l-appraisal. Il-Kunsillier JAE qal li min-naħa tiegħu ma kienx ġie kkuntattjat mill-eks SE dwar il-performance appraisal u fil-fatt sar jaf li telqet wara. Huwa żied jgħid li din il-materja kienet ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa quddiem il-Kunsill kollu u l-Kunsill kollu kien ivvota favur il-persentaġġ deċiż b'mod unanimu.

21.3.1.2. Is-Sindku qalet ukoll li kienet għamlet allegazzjonijiet ulterjuri fuq l-operat u l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Hija qalet li l-irwol ta' segretarju eżekuttiv huwa stabbilit bil-liġi u bħala kap amministrattiv, finanzjarju u eżekuttiv, kien id-dmir u l-obbligu tas-SE li jieħu azzjoni fuq l-allegazzjonijiet li qed tagħmel,

dejjem jekk huma veritiera, meta ġraw l-istanzi. Is-Sindku qalet li jekk il-persuna ma kienitx tiflaħ għar-responsabbiltà, allura ma kienx imissha daħlet għall-kariga.

21.3.1.3. Is-Sindku DSH qalet ukoll li s-SE kienet kietbet li r-raġuni għalfejn kienet irriżenjat kienet minħabba l-atitudni tas-Sindku meta lill-kunsilliera kienet qaltilhom li kienet telqet minħabba raġunijiet personali u li ma felħitx għall-pressjoni tax-xogħol.

21.3.1.4. Is-Sindku qalet li mhuwiex ġust u lanqas irġulija li tipprova tkisser lil ħaddieħor għax ma tkunx ħadt li ridt. Hija qalet li d-diskussjoni tal-performance appraisal kienet minuted, mhux f'laqgħa waħda iżda fi tnejn.

21.3.1.5. Is-Sindku qalet ukoll li allegat li l-Kunsill ma jieħux deċiżjonijiet kontra l-kuntratturi u li jonqos milli joħroġ default notices. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li s-SE bħala kap amministrattiv, kellu d-dritt li jipproponi default notices hu stess – ħaġa li qatt ma saret. Hija qalet li ma jistax ikun li wieħed jaħrab mid-dmirijiet tiegħu u jippretendi li jieħu d-deċiżjonijiet iebsin għalih ħaddiehor. Is-Sindku qalet li filfatt ħafna mill-affarijiet kienu jintefgħu fuq is-Sindku u l-istaff amministrattiv fejn ta' sikwit kienet tispiċċa ċċempel lill-kuntratturi hi minflok l-eks SE.

21.3.1.6. Is-Sindku qalet ukoll li l-eks SE qalet li l-uffiċċju tas-SE kien qed jitħalla miftuħ – hija qalet li wieħed ma jistax jippretendi li l-uffiċċju fejn jinżammu d-dokumenti li għandu bżonn aċċess għalihom l-istaff jitħalla magħluq ladarba l-persuna li kienet qed tokkupa l-kariga kienet Aġent u mhux kontinwament fuq il-post. Hija qalet ukoll li kienet semmiet ukoll li hemm xi fliexken tax-xorb fl-uffiċċju. Is-Sindku qalet li dan ix-xorb kien il-fliexken li fadal minn wara r-riċeviment li sar u minflok tħalla jiġri, ġie merfugħ fl-uffiċċju tagħha bħalma soltu jsir.

21.3.1.7. Żiedet tgħid li kienet tinsab iddispjaċuta b'din is-sitwazzjoni minħabba li hi temmen li dejjem kellha relazzjoni tajba mas-SE u ma tħossx li hu ġust li għax ma ħaditx il-performance bonus full, tasal għal dawn l-affarijiet. Hija qalet li dan kien logħob tat-tfal u mhux irġulija.

21.3.1.8. Il-Kunsillier VB qal li huwa d-dritt tal-Kunsill li jagħżel il-persentaġġ li jħoss li jirrifletti l-performance tas-SE.

21.3.1.9. Is-Sindku qalet li hi kienet ser tgħaddi l-kummenti tagħha fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-eks SE u ser iżżomm lill-Kunsill informat bl-andament, kif dejjem għamlet.

21.3.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-materja tal-Green MT fejn qalet li dawn kienu naqqsu s-servizz tal-borża l-griża nhar ta' Ġimgħa. Hija għamlet riferenza għall-komunikat mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn hemm possibiltà li jaqtgħu is-servizz kompletament minħabba li qed jgħidu li s-servizz mhuwiex iktar vijabbli. Is-Sindku qalet li l-AKL qed tissuġġerixxi li toħroġ sejħa għall-offerti min-naħa tar-reġjuni rispettivi minħabba li din kienet sitwazzjoni li kienet ser taffetwa lill-kunsilli lokali kollha. Il-Kunsillier VB qal li dan kien suġġeriment li kien diġà ressaq fil-laqgħa preċedenti.

21.3.3. Is-Sindku kompliet billi qalet li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed jitlob lill-kunsilli jikkonfermaw jekk hux ser jagħżlu li jmorru għal sejħa reġjonali jew jekk hux ser joħorġu sejħa individwali għalihom.

21.3.3.1. Il-Kunsillier JAE qal li hu jħoss li l-lokalità tal-Floriana kellha ħtiġijiet differenti mill-kumplament tal-lokalitajiet u għalhekk mhuwiex ċert fuq jekk is-sejħa għandhiex toħroġ a bażi reġjonali.

21.3.3.2. Is-Sindku qalet li min-naħa tar-reġjun kienu ser jaċċertaw li jintlaħqu l-bżonnijiet ta' kull lokalità.

21.3.3.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Gvern Ċentrali huwiex konxju tal-problema li qed jaffaċċjaw il-kunsilli lokali. Is-Sindku wieġbet li l-Gvern kien konxju ta' dan u fil-fatt kienu għaddejjin taħdidiet mal-ERA sabiex tinstab soluzzjoni.

21.3.3.4. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill irid jara x'jaqbel lilu u lil-lokalità. Huwa qal li hu jaqbel li l-Kunsill jissieħeb ma' sejħa reġjonali bil-kundizzjoni li l-Kunsill jingħata l-flessibiltà li għandha bżonn il-lokalità.

21.3.3.5. Għalhekk, wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lir-Reġjun Xlokk sabiex ikun involut fid-diskussjonijiet ħalli jkun jista' jressaq il-proposti tiegħu.

21.3.4. Is-Sindku ressqet talba mill-Primary Health Care fejn għamlu riferenza għat-tabelli ta' spazji ta' parkeġġi riservati li kien hemm fuq barra tal-iSptar Sir Paul Boffa. Huma talbu li dawn it-tabelli jitneħħew ladarba d-Dipartiment tad-Dermatoloġija ma kienx għadu jopera minn hemm. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Ministru tas-Saħħa u jitlob l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel iżda li għandu jiġi ċċarat li jekk it-tabelli jitneħħew b'mod permanenti, dan ma jfissirx li l-ispazji ser jiġu riservati għan-nies li jaħdmu l-Primary Health Care.

21.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mill-iSkola Primarja fejn informaw lill-Kunsill li kienu interessati jieħdu l-ġugarelli tal-molla, dan wara li l-Kunsill ġentilment offra li jagħti l-apparat tal-bandli l-antik li kien inqala' miċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, lill-iskola sabiex jintuża mit-tfal tal-lokal.

21.3.6. Is-Sindku qalet li l-iSkola Primarja kienu talbu wkoll l-appoġġ tal-Kunsill sabiex jinbidel l-artificial turf li hemm fil-bitħa tal-iskola u biex isir tapit tal-lakstu ġdid minħabba li dawk eżistenti kien hemm bżonn li jinbidlu. Is-Surmast qal li minkejja diversi tentattivi li saru, kien għad ma kienx hemm risposta konkreta meta ser jinbidlu dawn it-twapet u għalhekk talbu lill-Kunsill jintervjeni sabiex il-proġett isir mill-aktar fis possibli għall-ġid tal-istudenti tal-iskola. Is-Sindku proponiet li din il-korrispondenza tintbagħat lill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Owen Bonnici. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku proponiet ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li ladarba jinqala' t-turf tal-piċċ sintentiku, jiġi offrut lill-iskola. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

21.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur li jopera l-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V fejn talab li jiġi eżentat mill-ħlas tal-kirja tal-gabbana tul il-perjodu li damet magħluqa fuq struzzjoni mis-Supretendent tas-Saħħa. Il-Kunsillieri VB u JAE proponew li jintalab parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Id-DSE qal li jkun aħjar jekk jintalab parir mill-Avukat tal-Kunsill u jiġi ċċarat li din l-eċċezzjoni qed issir ta' darba

minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali. Huwa qal li wara li jintalab il-parir legali, għandu sussegwentement jiġi nformat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

21.3.8. Is-Sindku informat lill-Kunsill li dakinhar stess kienet ikkomunikat mal-Onor. Ministru Michael Farrugia dwar xi ħsarat fid-dawl li hemm fiż-żona ta' Balzunetta. Hija qalet li l-Ministru kien informaha li kienu nformati u li kienu qed jaħdmu biex din il-problema tissolva mill-aktar fis.

21.3.9. Is-Sindku qalet ukoll li kienet kellmet lill-Onor. Ministru Michael Farrugia dwar il-problema li hemm fi Triq Sant'Anna, fejn wara li kien sar xi xogħol mill-Enemalta fuq xi cameras, kienet tkissret parti mill-bankina. Hija qalet li l-kuntrattur kien irrifjuta li jsewwi qabel ma jkun informat minn fejn inxtara l-pavimentar. Is-Sindku qalet li dan il-pavimentar kien ilu ħafna li sar u għalhekk ma kellix informazzjoni dwar min kien il-kuntrattur. Hija kompliet billi qalet li kienet talbet lill-Ministru sabiex jintervjeni minħabba li s-sitwazzjoni kellha bżonn tiġi riżolta.

21.3.9.1. Il-Kunsillier JAE staqsa lejn fejn kienu jħarsu l-cameras installati. Is-Sindku wieġbet li dawn kienu cameras tas-sigurtà u kienu jintużaw ukoll għall-finijiet ta' surveys, eċċetra.

21.3.10. Is-Sindku ressqet talba mingħand impjegat għal estensjoni tat-telework. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Id-DSE qal li kien tkellem mal-impjegat fejn kien ġie miftiehem li jkun hemm il-flessibiltà neċessarja biex l-impjegat ikun preżenti meta jkun hemm id-DSE ġaladarba id-DSE ma kienx full-time u għalhekk ma kienx ser ikun l-uffiċċju kuljum. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

21.3.11. Is-Sindku ressqet talba mingħand kumpanija fejn esprimew ix-xewqa li jagħmlu advertisig banners bħal dawk li hemm ix-Xatt tal-Pietà. Hija qalet li huma kienu talbu li jitpoġġew bejn il-loġoġ fi Triq Sant'Anna iżda s-Sindku qalet li ma tħossx li hemmhekk kien posthom peress li Triq Sant'Anna kienet post prominenti. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi proposti fejn dawn setgħu jiġu installati. Il-Kunsillier JAE propona li jitwaħħlu fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Mall, int u dieħel il-Belt Valletta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

21.3.12. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun Xlokk fejn offrew lill-kunsilli lokali li jixtiequ bandiera tar-reġjun l-uffiċċji tagħhom sabiex jordnaw il-bandiera u l-arblu rispettivi u jiġu rimborsati mir-reġjun. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jitkellem mar-Reġjun Xlokk sabiex jara jekk hux ser jirrifondu wkoll il-holder peress li l-holder preżenti li għandu l-Kunsill kien jesa' biss tliet bnadar.

21.3.13. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie kkuntattjat mill-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq l-app tal-lokalità li talab li jiltaqa' mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu.

21.3.14. Is-Sindku DSH qalet li għandha tiġi deċiża wkoll ġurnata meta tista' tinżamm laqgħa mas-Surmast u l-kompożitur tal-innu tal-lokalità. Il-Kunsill qabel.

## 21.4 Rapporti

21.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 21.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

21.5.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-sleeping policemen li hemm bżonn li jsiru fi Triq San Publju. Is-Sindku qalet li kienet qed tistenna risposta mingħand Transport Malta. Hija żiedet tgħid li x'aktarx issir tal-lakstu minħabba li m'għadhomx isiru bħalma kienu jsiru qabel.

## 21.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

21.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 21.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

21.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 12/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

21.7.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-wegħda li kienet għamlet ftit tax-xhur ilu fejn informat li kienet ser tagħti l-onorarja tagħha b'riżq il-Covid-19 Fund. Hija nformat li kienet iddepożitat l-ammont fil-kont bankarju tal-fond u kienet ser tgħaddi r-riċevuti bankarji tagħha lill-Kunsill.

21.7.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 21.8 MOZZJONIJIET

**Mozzjoni 1**

*Il-problema ta' sewqan b'veleċità fit-toroq tagħna fl-aħħar xhur ħadet xejra perikoluża ħafna, triq partikolari, ċioe toroq partikolari li ħasbu lil bosta huma t-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq il-Kapuċċini. Qed nipproponi li nitolbu lil dawk inkarigati biex jiżdiedu s-sleeping policeman f'dawn it-toroq, jew mhux ikun hemm żieda, iżda jkun hemm estenzjoni tal-isleeping policeman diġà preżenti (jiġifieri jitkabbru).*

*Nitolbu wkoll lil Transport Malta biex ittina gwida u l-possibiltà li l-ewwel u qabel kollox ikollna għarfien tal-veloċità li tista' ttella'/massima f'dawn it-toroq, u kif ukoll niddiskutu u naraw il-possibiltà li t-tali informazzjoni tkun f'tabelli ġodda fl-imsemmija toroq.*

*Nemmen li fit-Telgħa tal-Kurċifiss għandhom isiru sinjali, sinjali kbar u frekwenti biex ikunu ta' tfakkira li hemm ġnien u playground fiż-żona, dan ifisser li se jkun hemm aktar preżenza ta' tfal u anzjani fil-madwar.*

*Proponent: James Aaron Ellul*
*Sekondant: Justine Palmier*

21.8.1. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien irċieva diversi ilmenti li fl-aħħar xhur kien qed ikun hemm sewqan eċċessiv fit-toroq imsemmija. Huwa qal li meta nqalgħet it-triq, baqgħu ma twaħħlux is-sleeping policemen. Huwa propona wkoll li dawn jitkabbru kif ukoll li jitwaħħlu tabelli tal-veloċità ta' 30 km/siegħa. Il-Kunsillier VB qal li jekk inwaħħlu sinjali ser ikun hemm bżonn li jitwaħħlu mad-djar tan-nies minħabba li ma kienx hemm biżżejjed spazju fuq il-bankina. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel indikazzjoni tal-limitu tal-veloċità permezz ta' stencil mal-art.

21.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li kull m'hemm tabella waħda fit-tarf bejn l-ispazji ta' parkeġġ. Huwa qal li din ma tantx kienet evidenti minħabba li kienet fit-tarf u kienet ukoll iċċarat. Għalhekk propona li jitwaħħlu tabelli ħdejn il-monument tal-Gwerra u int u tiela' mix-xatt. Ma kienx hemm oġġezzjoni

21.8.3. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-playing equipment fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V biex jipprovdi kwotazzjoni għal tabelli sabiex wieħed ma jirfisx bit-takkuna fuq it-tapit tal-lakstu kif ukoll kwotazzjoni għat-tabelli għall-għarfien tal-ġnien.

21.8.4. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni għas-sleeping policemen li hemm bżonn li jsiru fi Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qalet li għandha tiċċekkja f'hiex kienet waslet din il-materja.

21.8.5. Wara li ddiskuta din il-mozzjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposti mressqa.

## 21.9 PROGETT FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

21.9.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-playing equipment kien wasal fi stadju avvanzat u kważi tlesta.

21.9.2. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li kienet qed issir l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għas-sistema ta' drenaġġ. Hija nformat ukoll li kienet ser tinħareġ sejħa għall-kumplament tad-dawl fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tal-pilastri kienu saru ħażin. Hija nformat li kellha tikkomunika mal-eks DSE dwar dan.

21.9.3. Is-Sindku nformat ukoll li l-fustun tad-dawl kien twaħħal u qed jinxtegħel.

## 21.10 TRIQ IL-MALL

21.10.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill li din it-triq kienet skedata sabiex issir mill-kuntrattur tal-Kunsill u eventwalment il-Kunsill ikun rimborsat parti kbira mill-ispiża minn Infrastructure Malta. Hija żiedet tgħid li x-xogħol kellu jitlesta dalwaqt.

21.10.2. Is-Sindku nformat ukoll li fil-ġranet li ġejjin għandu jinbeda wkoll ix-xogħol fuq Ġnien il-Mall.

21.10.3. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward il-provvista maqtugħa tad-dawl. Is-Sindku qalet li jista' jkun li nqata' xi cable iżda ma temminx li huma relatati minħabba li d-distribuzzjoni kienet differenti.

21.10.4. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienet informata li qed iddur petizzjoni biex jissewwa d-dawl fi Triq Sant'Anna. Hija qalet li l-Kunsill kien diġà ħa parir dwar dan fejn kien informat li d-dawl għandu jinbidel kollu u mhux jitranġa. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill ma jaffordjax jiffinanzja dan il-proġett għalissa minħabba li tali proġett kien ser jammonta għal aktar minn €40,000.

21.10.5. Is-Sindku qalet li kien hemm suġġeriment li x-xogħol isir mill-għaqdiet iżda sa dakinhar ma kien hemm l-ebda interess bil-miktub. Hija qalet li jekk hemm xi għaqda li xtaqet turi din is-solidarjetà mal-Kunsill għandha tersaq quddiem il-Kunsill bl-offertà tagħha.

21.10.6. Il-Kunsillier VB qal li l-Kunsill xorta waħda jrid joqgħod attent li x-xogħol isir b'kompetenza u dan sabiex il-Kunsill jevita li jkollu jerġa' jagħmel dan ix-xogħol fil-futur qarib. Huwa qal ukoll li jkun aħjar li x-xogħol isir minn persuna waħda u dan anke biex ix-xogħol isir b'mod uniformi.

21.10.7. Il-Kunsillier VB żied jgħid li l-Awtorità tat-Turiżmu kienet offriet li tiffinanzja parti minn din l-ispiża. Is-Sindku qalet li minkejja dan, il-Kunsill xorta waħda kien ser ikollu iżid ammont sostanzjali li bħalissa mhux possibbli.

21.10.8. Il-Kunsillier VB propona li x-xogħol jibda' jsir biċċa biċċa u li l-Kunsill jibda' mill-partijiet l-iktar antiki.

21.10.9. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jiffoka fuq il-proġett li jmiss ladarba jitlesta l-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel.

21.10.10. Il-Kunsillier JAE qal li kien irċieva ilmenti li fil-ġonna tal-Milorda u l-Argotti m'hemmx tabelli li jindikaw il-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq. Huwa propona li l-Kunsill jagħmel pressjoni li jitwaħħlu dawn it-tabelli lill-entitajiet responsabbli min dawn il-ġonna. Il-Kunsill qabel.

## 21.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

21.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 8 ta' Lulju 2020 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Kevin Borg
Deputat Segretarju Eżekuttiv